**13 ta' Mejju, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

L-Onor. Professor John Rizzo Naudi, Segretarju Parlamentari għall-Kura ta' l-Anzjani

*versus*

Felix Agius u Carlo *sive* Charles Mizzi

## Liġi dwar l-Istampa - Kap. 248 - Relazzjoni - Ksur tal-Liġi dwar l-Istampa - *Animus Iniuriandi*

*Jekk ġurnal jagħżel li jippubblika* relata retuli *fatti speċifiċi dwar persuna, fuq il-pretest li talli fatti kienu ntqalu minn persuni importanti, ma jkunx biżżejjed li tissemma' l-persuna u l-okkażjoni fejn intqalu imma jenħtieġ ukoll il-fatti in kwistjoni ma jiksrux il-liġi dwar l-Istampa.*

*Meta l-kliem jew fatt ikunu minnhom infushom inġurjużi, ikun inutili li jiġi eċċepiet li ma kienx hemm l-*animus iniuriandi.

Il-Qorti:-

B'ċitazzjoni l-attur appellat, wara li beda biex ippremetta illi permezz ta' artikolu intitolat "Pazjenti mietu wara li ssawtu minn pazjenti oħra" ippubblikat fl-ewwel (1) paġna tal-ħarġa numru 8,638 tal-gazzetta "L-Orizzont" ta' nhar it-Tlieta 25 ta' Settembru, 1990 li kopja tagħha ġiet unita bħala dok. A il-konvenuti Felix Agius u Carlo *sive* Charles Mizzi rispettivament editur u stampatur ta' l-imsemmija gazzetta taw malafama lill-attur billi attribwewlu fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u fama tiegħu u li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku; *żied ippremetta* illi bħala parti offiża kellu dritt għad-danni kkontemplati fil-liġi ta' l-istampa (Att XL ta' l-1974) u mbagħad għadda biex talab li l-konvenuti jgħidu għaliex dik il-Qorti ma kellhiex:

Tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampat fuq imsemmi li għandu l-iskop li jtellef jew inaqqas l-istima tiegħu; u

Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu lill-attur dik is-somma li dik il-Qorti tiddetermina f'ammont li ma jeċċedix l-elfejn lira Maltija (Lm2,000) bħala danni u riparazzjoni ta' l-inġurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija;

Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenuti li ġew mħarrka sabiex jidhru personalment għas-subizzjoni;

Il-konvenut Felix Agius eċċepixxa:

*Preliminarjament l-attur mhux individwalizzat;*

*Subordinatament* u bla ebda preġudizzju għall-eċċezzjoni prelimarinari l-Orizzont irrapporta diskors tal-Kap ta' l-Opposizzjoni u f'dan ta servizz lill-pubbliku u ma kellux *animus inguriandi*;

Fil-kitba hemm fatti li l-eċċipjent lest jipprova u kummenti ammontanti għal *value judgement*;

Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi;

L-esponent Carlo *sive* Charles Mizzi eċċepixxa *illi hu ma* kienx qara l-kitba *de quo* qabel ġiet ippubblikata. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

B'sentenza tagħha ta' l-14 ta' Frar, 1994 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili irrispinġiet *l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u laqgħet* it-talbiet attriċi b'dan illi kwantu għat-tieni (2) talba kkundannat lill-konvenut Felix Agius sabiex iħallas lill-attur is-somma ta' ħames mija u ħamsin lira (Lm550) in línea ta' danni u

kkundannat lill-konvenut Carlo *sive* Charles Mizzi sabiex ihallas lill-attur is-somma ta' hamsin lira (Lm50) in linea ta' danni bl-imghax dekorribbli mid-data tas-sentenza, dik il-Qorti ordnat ukoll illi l-ispejjeż tal-kawża ta' l-attur jiġu saportati kwantu ghal hdax-il parti minn tnax ($^{11}/_{12}$) mill-konvenut Agius *u kwantu ghal parti wahda minn tnax* ($^{1}/_{12}$) *mill-konvenut Mizzi* u illi kull wiehed mil-konvenuti jbati l-ispejjeż tieghu;

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati b'dik is-sentenza u b'nota pprezentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Frar, 1994 huma appellaw minn dik is-sentenza ghal quddiem din il-Qorti fuq l-aggravju li l-Ewwel Qorti missha ċahdet it-talbiet ta' l-attur wara li tkun sabet li l-attur appellat ma kienx ġie inġurjat bil-kitba in kwistjoni u dan billi:

Il-fatti fil-qosor skond l-appellanti kienu hekk: Il-Hadd, 23 ta' Settembru, 1990 fil-Gżira, l-Onor. Avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici, allura mexxej laburista, ghamel diskors li ġie rrapportat *in extenso* fl-Orizzont tat-Tlieta 25 ta' Settembru, 1990;

L-attur appellat hassu nġurjat bl-ewwel paragrafu in kwistjoni li jghid hekk:

"Il-Mexxej Laburista, l-Avukat Dottor Karmenu Mifsud Bonnici, qal il-bierah fil-Gżira li l-pazjenti fl-istpar tax-xjuh mietu wara li nghataw xebgha minn pazjenti ohra morda b'*mohhom*, *ghax ma hemmx hsieb biżżejjed minn min qed* imexxi l-isptar biex jara li dawn l-affarijiet ma jsirux";

Ta' min jinnota jissottomettu l-appellanti konvenuti li:

Fil-kitba *de quo* l-attur ma jissemmiex;

Ġerarkikament, meta sar dak id-diskors mill-Onor. K. Mifsud Bonnici, l-isptarijiet ta' Malta, fosthom dak indikat bħala "l-isptar tax-xjuħ" kienu jaqgħu taħt il-Ministeru tal-Politika Soċjali kapeġġjat mill-Onor. Dr. Louis Galea li kien hu li jressaq bil-Parlament l-estimi relattivi għal dak il-ministeru u lilu biss kienu indirizzati l-mistoqsijiet parlamentari; hemm imbagħad Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani li jassisti l-Ministru u jattwa l-politika tal-Ministru. Niġu ukoll għall-Kap esekuttiv ta' kull sptar, imsejħa Supritendent jew b'appellazzjoni oħra;

Issa fil-kitba in kwistjoni wieħed ma jarax lill-attur li, ma jista' qatt jiġi identifikat bħala dak li qed imexxi l-isptar, imsejjaħ l-"isptar tax-xjuħ";

Illi hu prinċipju *in subjecta materia* li kitba ma tistax tingħata *forced construction* jiġifieri li wieħed iġebbed minn hawn u minn hemm biex lill-kitba tingħatalha sura mixtieqa mill-attur innifsu biex dan ikun jista' jidentifika lilu nnifsu magħha għall-fini ta' dina ċ-ċitazzjoni;

Illi wieħed ma jistax jaċċetta li fejn tidħol il-kura għall-anzjani f'Malta l-attur kien kollox hu, . f'kollox hu u responsabbli ta' kollox hu;

Illi ta' min isemmi ukoll li hawn jidħol id-*dritto di cronaca* li mingħajru l-istampa titlef waħda mill-funzjonijiet ewlenin tagħha, dik li tinforma lill-qarrejja b'dak li jkun għaddej u b'dak li jkun qed jingħad. Fil-każ taħt eżami l-esponenti għarrfu lill-qarrejja b'diskors ta' persuna importanti bħalma kien allura l-Onor. Dr. Karmenu Mifsud Bonnici bħala mexxej Laburista u Kap ta' l-Oppożizzjoni. Min jaqra r-raport in kwistjoni ma jirravvisa ebda *animus injuriandi* da parti ta' l-eċċipjenti. Anzi, mill-punto di vista ġurnalistiku dak kien

diskors li ma setax jiġi njorat iżda kellu jinġieb għan-notizzja tal-pubbliku biex jiġu l-kjarifiki u l-ispjegazzjonijiet meħtieġa;

Għaldaqstant il-konvenuti talbu li għar-raġunijiet suesposti din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar, 1994 wara li jkunu ġew milqugħa l-eċċezzjonijiet ta' l-esponenti u jkun ġie deċiż li l-esponenti ma nġurjawx lill-attur appellat;

Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat;

Wara li rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet it-trattazzjoni ta' dan l-appell da parti tal-konvenut, din il-Qorti issa sejra tgħaddi għad-deliberazzjoni u deċiżjoni tagħha;

Illi l-aggravju tista' tgħid ewlieni ta' l-appellant hu li l-attur appellat ma jissemmiex fl-artikolu *de quo* u kwindi lanqas mhu identifikabbli mill-qarrej u li konsegwentement l-istess appellat ma jistax jgħid li ġie llibellat;

Illi huwa minnu li bħala tismija *ut sic* fl-artikolu *de quo* ma jissemma' ħadd ħlief il-kelliem li suppost qal il-kliem allegatament inġurjuż. Huwa presumibbli ukoll u dan *in parte* joħroġ anke mill-provi li fit-tmexxija ta' l-isptar tax-xjuħ teżisti ġerarkija ta' nies maħturin proprju biex imexxuh amministrattivament. Dan magħdud però mhux bilfors isegwi, kif ġie sottomess mill-appellanti, li l-attur "ma jista' qatt jiġi identifikat bħala dak li qed imexxi l-isptar, imsejħa l-"isptar tax-xjuħ". Ibda biex, xehed bla ma ġie kontradett l-appellat li huwa fiż-żmien in kwistjoni, kien jokkupa l-kariga ta' Segretarju Parlamentari għall-Kura ta' l-Anzjani (ara fol. 16 seduta tal-25 ta' Frar, 1991) u bħala talii huwa kien inkarigat mill-isptar St. Vincent de Paule, liema sptar jaqa' taħt il-ministeru tiegħu. Hu minnu ukoll li ebda isem ta' sptar ma

jissemma' speċifikatament imma l-artikolu jsemmi "pazjenti fl-isptar tax-xjuħ" (ara dok. A, l-ewwel paragrafu) u anke dwar dan l-istess appellat jispjega li fl-isptar tax-xjuħ hemm rikoverati ma' l-elf pazjent. Fi kliem ieħor, bil-fatt biss li ġerarkikament setgħu ġew koinvolti persuni oħrajn, minbarra u oltre l-appellat ma jfissirx ukoll li l-appellat ma jiċċentrax fil-kitba. Meta l-appellat jasserixxi li xogħlu proprju kien dak li jmexxi l-isptar tax-xjuħ, allura dan bilfors ifisser li jekk tissuċċiedi xi ħaġa serja u gravi kif jissemma fl-artikolu jeżisti ness bejn il-fatt imsemmi u min hu responsabbli biex dak il-fatt ma jseħħx jew ma jiġrix;

Fit-tieni lok l-appellanti ssottomettew li huma ma jaħtu xejn kwantu għall-kontenut tal-kitba billi bħala nies ta' l-istampa - editur u stampatur rispettivament huma kellhom id-dmir anzi d-dritt (*diritto di cronaca*) li jippubblikaw x'kien allegatament ingħad waqt konferenza politika fil-pubbliku mill-allura Kap ta' l-Oppożizzjoni, l-Avukat Karmenu Mifsud Bonnici. Il-Qorti taqbel li l-istampa għandha tkun ħielsa minn xkiel fl-eżerċizzju tal-funzjoni tagħha li tinforma lill-qarrejja b'dak li jkun għaddej u b'dak li jkun qed jingħad. Però fl-istess waqt il-Qorti ma taqbilx li fl-adempiment ta' din il-missjoni għandu jkun hemm kompriż l-abbuż. Jekk ġurnal jagħżel li jippubblika *relata retuli* fatti speċifiċi u determinanti dwar persuna fuq il-pretest li tali fatti kienu ntqalu minn persuna importanti ma jkunx biżżejjed li tissemma' l-persuna u l-okkażjoni fejn intqalu imma jenħtieġ ukoll li l-fatti in kwistjoni kif esposti fil-kitba ma jiksrux il-Liġi dwar l-Istampa. L-artikolu *de quo* jsemmi bħala *heading* kif ġej: "Pazjenti Mietu Wara li ssawtu minn pażjenti oħra - Karmenu Mifsud Bonnici". Il-qarrej ordinarju, indipendentement mill-allegat kelliem, għandu jifhem li tali fatt - u m'hemm ebda dubbju ta' xejn li hawn si tratta ta' fatt u mhux kumment jew *value judgement* kif eċċepit mill-appellanti - seħħ tabilħaqq fl-isptar tax-xjuħ. Il-fatt attribwit lil min imexxi l-isptar huwa wieħed gravi għaliex ċertament

jimplika nuqqas ta' ħila u traskuraġni ta' natura kriminali. Li tħalli nies isawtu lil pazjenti oħrajn u jikkaġunaw imwiet ("pazjenti mietu wara li ssawtu") tfisser li jekk hija vera għandha mill-anqas twassal għar-riżenja ta' min hu responsabbi, jekk mhux agħar, u timmina sew ir-reputazzjoni personali u professjonali - privata u pubblika - tal-persuna responsabbli. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-attur mhuwiex *identifikat fil-kitba de quo*. Lanqas li wieħed kien jistenna bħala *diritto di cronaca* - qabel il-pubblikazzjoni jiġifieri - hu li l-appellanti jieħdu l-versjoni ta' "min qed imexxi l-isptar tax-xjuħ". Issa meta hemm l-appellat kif ukoll is-supretendent ta' l-isptar xehdu li mill-fatt imsemmi ma ġara xejn - allura kien jinkombi fuq l-appellanti li jfornu l-prova tal-veraċità tiegħu. Dan ifisser li meta huma għażlu li jippubblikaw il-fatt bi prominenza, huma kienu qegħdin jerfgħu ukoll fuq spallejhom il-kontenut ta' dak li kien qiegħed jiġi dirameat lill-qarrejja tal-ġurnal u l-pubbliku. Minbarra dan, meta l-kliem jew fatt ikunu minnhom innifishom malafamanti u inġurjużi, ikun kollu inutili li jiġi eċċepit li ma kienx hemm l-*animus iniuriandi* għax kif jgħallmu l-awtorevoli Frola (ara Delle Ingiurie e Diffamazioni, UTET 1900 p. 20 u l-Chassan, Des delits et contraventions de la parole; Vol. I, n. 59) meta l-kliem ikunu inġurjużi, l-*animus iniuriandi* jkun preżunt *cum verba sunt per se injuriosa, animus iniuriandi praesumitur*. Mhux hekk biss imma l-appellant Felix Agius addirittura eċċepixxa ukoll (ara l-ewwel parti tat-tielet eċċezzjoni tiegħu - fol. 10) li "fil-kitba hemm fatti li l-eċċipjent lest jipprova". Jiġi rrilevat li ebda wieħed mill-appellanti ma ressaq xhieda jew prova waħa in sostenn fil-kors tas-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti. Kjarament għalhekk l-appell tal-konvenuti huwa infondati fil-fatt u fid-dritt. Dwar il-*quantum* tad-danni li ġew likwidat fis-sentenza appellata, ma liema din il-Qorti hija konkordi ma sar ebda lment jew sottomissjoni ulterjuri da parti tal-partijiet;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Frar, 1994 fil-kawża fl-ismijiet premessi (*Ċit. Nru. 1000/90AD*) tiċħad l-appell tal-konvenuti appellanti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontrihom.